RABAT

## *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F37**
**Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |

**Sospensjoni tal-laqgħa**

Fl-assenza tas-Sindku Alexander Craus, .il-Vici Sindku Doris Coleiro talab is-sospensjoni tal-laqgha sabiex jigi diskuss item 12 fuq l-agenda. Hija talab lill-accountant is-Sur Paul Bugeja sabiex jaghti spjega tal-budget ghas-sena 2012.

** Is-Sindku Alexander Craus dahal ghal-laqgha fit-7.05p.m

**12.00 Budget 2012**

12.01 Is-Sindku Sandro Craus irringrazzja lill-'accountant', is-Sur Paul Bugeja ta' l-ispjega dettaljata li ta' fuq il-budget. Budget 2012

Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-budget ghas-sena 2012 jigi approvat kif ipprezentat. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Budget gie approvat. Kopja tal-budget tinsab annesa ma' dawn il-minuti.

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F36**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F36 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F36

## 2.00 Korrezzjonijiet F36

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F36

## 3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F36

3.01 4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li wara pressjoni li saret mil-bdiewa, l-kunsill ma stetax jibqa jistenna lil Ministeru u ghalhekk l-kunsill kellu jintervjeni u jibda jaghmel xi xogholijiet wara l-maltempata. Hu kompla billi qal li l-gimgha l-ohra l-kunsill kien iltaqa mal-Perit Stephen Bonello sabiex fil-gimghat li gejjin jibdew jitnaddfu l-widien l-aktar urgenti. Ix-xoghol fuq it-tindif tal-widien l-ohra ghandu jitkompla s-sajf li gej. — Ittra mibghuta lil Onor. Ministru Pullicino

3.02 7.02 Il-Kunsill qabel li r-rapport ipprezentat mic-'Chairperson' tal-KA Virtu ghandu jintbghat lil AKL. — Rapport mic-'Chairperson' KA Virtu

## 4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza

4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li x-xogholijiet infrastrutturali fi Triq San Martin u Triq Doni l-Qadima kienu bdew. Hu qal li l-'mains' tal-WSC kienu tlestew u issa inbeda ix-xoghol fuq l-'inspection boxes' u dalwaqt jinbeda t-tqejjied tal-'crete print' — Xogholijiet infrastrutturali Triq San Martin u Triq Doni l-Qadima

Hu kompla billi qal li bhalissa l-kunsill qed jistenna biex jinhargu l-permessi mehtiega sabiex ikun jistghu jinbdew ix-xogholijiet infrasfrutturali fi Triq l-Ghobbeja, t-Triq tas-Salib u Triq Doni l-Qadima li tmiss ma Triq l-Vitorja u Triq Gheriexem.

4.02 Is-Sindku qal li kien rega wasal iz-zmien biex il-kunsill jgedded lis-skema tas-sahha ghall-impjegati u ghall-membri tal-kunsill ghas-sena 2012. Il-'premium' ghal kull persuna inxurjata huwa ta' € 56. Il-kunsill qabel li l-polza tigi mgedda. — Skema tas-Sahha

4.03 Is-Sindku Alexander Craus issugerixxa li xi hadd mill-impjegati tal-kunsill jaghmel il-kors mtella mill-Universita' ta' Malta dwar il-qari tal-provi bil-malti. Huwa qal li billi l-amministrazzjoni tal-kunsill fix-xoghol taghha tuza spiss il-malti dan il-kors ser isahhah l-gharfien taghhom fil-malti li bhal kull haga ohra jevolvi maz-zmienijiet. — Kors ghal impjegati fil-qari tal- provi bil-malti

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat il-laqgha li l-impjegata Roberta Ciantar kienet uriet l-interess li tattendi dan il-kors. Hi qalet li dan il-kors li jiswa €500 huwa wiehed 'part-time u twil sena'.

Is-Sindku ppropona li l-impjegata Roberta Ciantar tattendi dan il-kors. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-kunsill qabel ukoll li fil-granet tal-kors is-Sna Ciantar tibda tinbaghat ftit qabel il-hin halli tlahaq tattendi l-kors.

4.04 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-kunsill ircieva korrispondenza minghand is-Sur Joseph Debattista mid-Dipartiment tal-Libreriji u Arkivji dwar xi kontijiet pendenti pagabli lil MITA dwar l-'internet connection' tal-librerija regjonali. Fl-ittra tieghu is-Sur Debattista qal li jekk dawn il-kontiiet mhux ser jithallsu, l-MITA infurmat lid-dipartiment li kienet ser taqta s-servizz tal-'internet' tal-librerija regjonali. — 'Internet Connection' tal-Librerija Regjonali

Il-Kunsill qabel li dawn il-kontijiet jithallsu mil-kunsill biex b'hekk ir-resident rabti jibqa jinghat dan is-servizz.

4.05 Is-Sindku nforma il-laqgha li l-kunsill ircieva zewg talbiet, wahda minghand is-Sur — Hsart fuq 'tyres' tal-karrozzi

Joseph Lynn Micallef u l-ohra minghand is-Sur Saviour Ciantar fejn qed jitolbu lil kunsill biex ihallsilhom il-hsart li ghamlu fit-'tyres' tal-karrozzi taghhom konsegwenza ta' hofor fit-triq.

Wara diskussjoni l-kunsill iddecida li dawn it-talbiet ma jigux milqugha ghaliex il-pulizija mid-Distrett tar-Rabat ma intalbux mil-kwerelanti biex immorru fuq il-post dak il-hin tal-incident biex jivverifikaw l-kaz.

| | | |
|---|---|---|
| 4.06 | Is-Sindku nforma l-laqgha li parti mit-triq ta' Misrah Sufara kienet inqalat wara l-maltempa ta' f'Novembru. Hu ppropona li din it-triq ghandna tinkessa mil-gdid. Il-Kunsill qabel unanimament. | Misrah Sufara biex issir bit-tarmak. |
| 4.07 | Is-Sindku qal li kien qed jircievi diversi ilmenti minn residenta li toqghod Bieb Ruwa. Din ir-residenta ghandha dizabilita fizika u taghmel uzu minn siggu tar-rotti, qed tilmenta li triq tinsab fi stat hazin u ghalhekk mhux qed ikun possibli ghalija li tohrog mid-dar.<br><br>Is-Sindku ppropona li issir metru u nofs tarmak quddiem il-bieb ta' din ir-residenta tkun tista tohrog mid-dar. Il-Kunsill approva | Residenta Bieb Ruwa |
| **5.00** | **Komunikazzjoni mil-Kunsilliera** | |
| 5.01 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssugerixxa li issir manutenzjoni u jinzbghu l-bankijiet ta' Triq Santa Rita quddiem il-knisja ta' Qasgha. Il-kunsill qabel. | Manutenzjoni bankijiet Triq Santa Rita |
| 5.02 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm bzonn titranga kurduna sfrundata fi Triq Konti Ruggieru hdejn ta' Peter. Il-kunsill qabel. | Kurduna sfrundata Triq Konti Ruggieru |
| 5.03 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm bozza maqtugha fi Triq Doni l-Qadima hdejn '26 corner'. | Bozza maqtugha Triq Doni l-Qadima |
| 5.04 | Il-Kunsillier Nazju Cassar issugerixxa li ssir mera go Triq il-Buskett qabel ma tibda in-nizla tal-buskett, faccata ta' l-ahhar sqaq fuq il-lemin. Il-Kunsill qabel. | Mera go Triq il-Buskett |
| 5.06 | Il-Kunsillier Robert Micallef qal li kien qed jircievi diversi ilment mir-residenti dwar l-'istage' ta' hdejn 'Howard Gardens'. Hu ppropona li l-kunsill ghandu jerga jikteb lil Arriva, fejn ninsistu li l-'istage' ghandu jersaq fejn kien issugerrixa l-kunsill. Issekonda din l-proposta s-Sindku Alexander Craus.<br><br>Is-Sindku ssugerixxa li l-korrispondenza kollha li saret bejn il-kunsill u l-Arriva ghandha tinbghat lir-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament. | Stage hdejn 'Howard Gardens' |
| 5.07 | Il-Kunsillier Rudolf Grima saqsa jekk korrispondenza li kienet intbaghtet mis-Sur Paul Azzopardi dwar talba ghal nstallazzjoni ta' bozza gdida fl-inhawi tal-Ghemieri, kienetx waslet ghand is-Segretarju Ezekuttiv u jekk iva jekk din it-talba kienetx approvata.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li kienet ser tivverifika u tinfurmah kemm jekk waslitx l-korrispondenza u anke fejn wasal l-kaz.<br><br>Is-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' l-imsemmija bozza hekk kif l-kunsill ikollu l-approvazzjoni mil-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel. | Korrispondenza dwar installazzjoni ta' bozza gdida |
| **6.00** | **Minuti tal-Laqgha Pubblika** | |
| 6.01 | Is-Sindku Sandro Craus ippropona li l-minuti tal-Laqgha Pubblika jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. | Minuti tal-Laqgha Pubblika |

**7.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A13**

7.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A13 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Bahrija A13

**8.00 Minuti Kumitat Amministattiv Bahrija A14**

8.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Bahrija A14 jittiehdu bhala moqrija. Il-Vici Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Bahrija A14

**9.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A16**

9.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A16 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtu A16

**10.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

10.01 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat l-laqgha 19 ta' Dicembru kien inhareg pagament lil Transport Malta ghat-tigdid tal-licenzja tal-van tal-kunsill. Dan l-pagament kellu issir mil-aktar fis possibli minhabba li l-licenzja kienet ilha li skadit diversi gimghat, wara diversi problemi biex il-van jinqaleb f'isem is-Segretarju Ezekutiv l-gdid. Dan il-pagament sar b'cheque tal-BOV numru 5424 li l-ammont tieghu kien ta' €66.65. Il-Kunsill approva Nem.Con. Dan il-hlas li ser ikun fl-iskeda tal-hlasijiet li jmiss. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 204

10.02 Il-Vici Sindku Doris Coleiro tablet li jinhareg il-pagament lil Buccaneers Catering imbaghad jidahal fl-iseda tal-pagamenti li jmiss. Dan minhabba li dan il-pagament ma lahaqx dahal mal-iskeda tal-hlasijiet numru 204. Il-Kunsill approva.

10.03 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 204 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

**11.00 Rapport Amministrattiv 2011**

11.01 Is-Sindku Alexander Craus ipprezenta r-rapport amministrattiv fejn gie diskuss bejn il-Kunsilliera prezenti. — Approvazzjoni tar-rapport amministrattiv

Ir-rapport amministrattiv gie approvat kif emendat.

**13.00 Pjan ta' Hidma ghal tlett snin**

13.01 Is-Sindku Alexander Craus talab lill-Kunsilliera sabiex jibghatu l-proposti taghhom mill-aktar fis possibbli sabiex jigu sottomessi waqt s-seduta li jmiss tal-kunsill. — Pjan ta' hidma ghal tlett snin

**14.00 'Performance Bonus' ta' l-impjegati**

14.01 Wara diskussjoni li saret dwar l-'performance' tal-impjegati l-Kunsillier Rudolf Grima ppropona li jinghata l-massimu tal-'Performance Bonus' lill-impjegati kollha inkluz is-Segretarju Ezekuttiv. Din l-proposta gie ssekonda mill-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill approva Nem. Con. — 'Performance Bonus'

**15.00 Memo 120/2011 – Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali/Regjonali**

15.01 Is-Sindku nforma il-laqgha li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ser jerga jaghti ghajnuna finanzjarja lil dawk il-kunsilli li ghandhom devoluta ililhom librerija lokali jew regjonali.

Memo 120/2011 – Ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali/Regjonali

Dwar din l-memo is-Sindku ppropona li qabel napplikaw s-Segretarju Ezekuttiv titkellem mal-librar biex flimkien jaraw xi bzonnijiet hemm biex il-librerija tintrama ahjar u tkun aktar ta' servizz lir-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament

**16.00 Aggornament**

16.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Hamis 9 ta' Frar 2012 fis-7.00 p.m.

Aggornament

16.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.35 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**